MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 2226/2000/1

**Leslie Pavia**

**vs**

**Geraldine Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fid-29 ta` Settembru, 2000, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-istanti u l-konvenuta kienu ilhom johorgu flimkien ghal erba` snin u nofs u kienu gharajjes;

Il-partijiet kienu ftiehmu illi jaghmlu sena xoghol tajjeb, u wara jibdew il-preparamenti biex jizzewgu;

Matul l-gherusija l-attur irrenda diversi servigi u assistenzi lill-konvenuta partikolarment fit-tmexxija taghha tal-*"flower arrangement"* li kienet taghmel u dana billi *"inter alia"* kien jippakkjala u jbexxilha l-fjuri, jippreparalha l-weraq bhala *"fillers"*, igorr l-ilma, jaghmel konsenji bil-van, u dana kif ser jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Il-konvenuta minghajr raguni valida fil-ligi irresiliet mill-gherusija;

Bhala konsegwenza ta` dan ir-resiliment l-istanti sofra danni kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

L-attur interpella lill-konvenuta biex taddivjieni ghall-likwidazzjoni bonarja u hlas ta` danni hija baqghet inadempjenti;

Talab lill-konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjarha responsabbli li hija rresiliet mill-gherusija li kien hemm bejna u l-attur, u dana minghajr raguni valida fil-ligi;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta` dan ir-resiliment ingust da parti tal-konvenuta;

3. Tikkundannha thallas lill-attur l-ammont ta` danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficcjali tal-15 ta` Gunju, 2000 u bl-imghaxijiet mid-data tar-recezjoni ta` din ic-citazzjoni kontra l-konvenuta minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

1. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-gherusija giet rizoluta ghal gusta kawza. Di piu` l-eccipjenti ma kkawzat l-ebda dannu lill-attur.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-partijiet f`din il-kawza ghamlu erba` snin u nofs (bejn Marzu 1995 u Ottubru 1999) johorgu flimkien. L-attur jghid li dan iz-zmien ghandu jitqies bhala zmien ta` gherusija peress li, ftit wara li bdew johorgu flimkien, dahlet is-serjeta` bejniethom, tant li anke dahlu fid-djar ta` xulxin. L-attur qed jghid li l-konvenuta hasret l-gherusija minghajr raguni valida, u qed jitlob id-danni. Gherusija formali ma gietx celebrata.

Illi l-konsegwenzi legali ta` rezilment ingust ta` gherusija huma responsabilita` ghad-danni da parti tal-hati jew hatja, u r-restituzzjoni tar-rigali u donazzjonijiet li din tkun irceviet fil-kors tal-gherusija. L-ewwel konsegwenza temani mid-dispost tal-Artikoli 1030 u 1125 fuq citati, filwaqt li t-tieni konsegwenza temani mid-dispost tal-Artikoli 1808 u 1809. F`din il-kawza, mhux qed issir talba ghar-restituzzjoni ta` rigali, izda biss talba ghad-danni.

Illi f`materja ta` danni, f`kazijiet ta` thassir u gherusija ghandha ssir distinzjoni bejn danni morali u danni materjali stante li dawn iz-zewg figuri guridici jemanu minn ligijiet differenti. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **<u>“Vittorio Farrugia vs Angela Chircop”</u>**, deciza

fis-16 ta` Dicembru, 1921 l-iskop tal-Proklama VI [illum Kap. 5] huwa l-introduzzjoni ta` rimedju ghar-risariment tad-danni morali ossia *un compenso dell`ingiuria sofferta* konsegwenza tal-ksur tal-weghda taz-zwieg liema somma hija likwidabbli mill-Qorti; izda ghalkemm ghall-applikazzjoni ta` din il-ligi jehtieg li l-promessa tkun saret bil-miktub kif jiddetta l-Artikolu 1233[g] tal-Kap. 12, il-mankanza ta` skrittura ma tirrendix inammissibbli azzjoni ghad-danni materjali effettivament sofferti konsegwenzjalment ghall-ingiusta azione tal-kolpevoli, stante li d-dritt ghal dawn id-danni jemani minn ligi diversa.

Talba ghad-danni, tehtieg, fl-ewwel lok, l-ezistenza ta` gherusija. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza <u>“Baldacchino vs Savona”</u>, deciza fis-7 ta` Novembru, 1989, l-ghoti ta` curkett jew ceremonja formali ma hix necessarja sabiex jigi stabbilit kienx hemm gherusija bejn il-partijiet. Li hu mehtieg hu l-kapacita` tal-partijiet li jikkontrattaw l-gherusija u wkoll l-intenzjoni tal-partijiet fl-imgieba u l-ghemil taghhom fil-konfront ta` xulxin.

Ghalkemm l-attur jghid li huma saru gharajjes ftit wara li bdew johorgu flimkien, din il-Qorti ma tikkondividix dan il-hsieb. Hu veru li, ftit wara li ‘ltaqghu, gew introdotti mal-genituri ta` xulxin u dahlu fid-djar ta` xulxin, pero`, din tfisser li huma bdew relazzjoni serja izda mhux li bdew jahsbu ghat-tieg. Ir-relazzjoni ta` bejniethom, fil-bidu, jista` jkun ma kienetx ta` semplici *boy friend* u *girl-friend*, izda ma kienx hemm hsieb mill-ewwel ghaz-zwieg. Bhal kull relazzjoni ohra, l-intenzjoni kienet li, jekk kollox jimxi sew, il-kopja tibqa ghaddejja ghaz-zwieg, pero`, dik it-tip ta` relazzjoni ma tistax titqies bhala gherusija. Relazzjoni bis-serjeta` mhux gherusija, din tal-ahhar tehtieg intenzjoni cara lejn ic-celebrazzjoni tat-tieg, b`diskussjonijiet dwar il-htigijiet tat-tieg u dwar id-dar u l-gharmar taghha. Mill-provi jirrizulta li dan id-diskors beda jsir fl-ahhar sentejn tar-relazzjoni, meta l-partijiet xtraw plot bil-hsieb li jibnu d-dar, bdew jitkellmu fuq il-familja futura taghhom, u bdew anke jaraw kif se jghamru d-dar, per ezempju, kif u x`kulur kellha tkun il-kcina u affarijiet ohra; kienu anke ghamlu ordni ghall-kamra tal-banju tad-

dar il-gdida. Ghalkemm id-data taz-zwieg ma kienetx ghada giet diskussa, kienet saret lista ta` mistednin, u jidher li lejn l-ahhar tar-relazzjoni, il-partijiet bdew jahdmu u jistinkaw biex ifaddlu ghall-hajja futura taghhom.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Mallia vs Higgins", deciza fil-15 ta` Gunju, 1982, il-fatt li m`hemmx l-istipulazzjoni taz-zmien tac-celebrazzjoni taz-zwieg jew l-anqas il-konjizzjoni jew il-kunsens tal-genituri, ma jeskludix l-gherusija jekk kienu bdew il-preparazzjonijiet ghall-hajja futura flimkien.

Kwindi, l-Qorti tqies li l-gherusija bejn il-partijiet sehhet sentejn qabel it-terminazzjoni taghha, liema thassir sar b`decizjoni li hadet il-konvenuta fl-14 ta` Ottubru, 1999.

Il-konvenuta tghid li kellha ragunijiet serji ghat-thassir tal-gherusija. Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Mangion vs Farrugia", deciza fil-25 ta` Jannar, 2006;

*"Bla dubju l-weghda taz-zwieg tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali vinkolanti. In kwantu tali, ma jistax jithassar jekk mhux bil-kunsens reciproku tal-partijiet jew ghal ragunijiet validi fil-ligi. (**Kollez. Vol. XLIII. P I p 805**). Skond din l-istess sentenza dawn ir-ragunijiet iridu jkunu gravi biex jillegittimaw lil wahda mill-partijiet li thassar l-gherusija. Ara wkoll **Kollez. Vol. XXII P I p 26** u **Vol. XLI P II p 1051**. Jinsab in effetti rimarkat fid-decizjoni riportata a **Vol. XLVIII P I p 517** illi "l-kawza gusta li taghti lok ghar-resiliment tal-gherusija ghandha tigi ravvisata f`ostakolu jew impediment ta` natura gravi, u jrid ikun fondat, u mprevedibbli;*

*L-azzjoni proposta mill-attur hi wahda naxxenti minn dan ir-resiliment bazata fuq il-promessa li l-kontendenti taw lil xulxin fl-istadju tal-preparazzjoni ghall-kuntrattazzjoni taz-zwieg. Kif spjegat fis-sentenza a **Vol. XXIV P I p 291** l-elementi ta` din l-azzjoni "sono un atto od un`omissione ingiusto ed un danno sofferto in conseguenza di siffatto atto od omissione". Li jfisser li azzjoni bhal din hi bazata*

*fuq il-principji generali maghrufa ta` l-obbligazzjonijiet kuntrattwali”*.

Il-konvenuta tghid li hassret l-gherusija ghax irrealizat li l-karattri taghhom mhumiex kompatibbli. Hi tghid li l-attur ried jaghmel kollox kif irid hu, u ma kienx ihalliha tesprimi l-preferenzi taghha. Kien jaqtalha qalbha milli titghallem is-suq il-karozza, biex, skond hi, ikollu aktar kontroll fuqha u ma kienx jhaliha tohrog waheda mal-hbieb (bniet) li kellha, tant li tul dawk l-erba` snin u nofs inqatghet min maghhom.

L-attur jichad dan, u jghid li hu kien qies ix-xewqat taghha. Hekk, per ezempju, l-kcina giet ordnata fuq il-kulur blu, il-kulur favorit taghha, u ghalkemm l-ghazla tas-sit tal-plot saret minnu u mhux f`area li xtaqet hi, hu ikkunsidra li postijiet lejn it-tramuntana ta` Malta, fejn riedet tghix il-konvenuta, kienu ta` prezz ferm ghola mill-budget taghhom. L-attur jallega wkoll li l-konvenuta hasret ghax beda jghogobha ragel iehor, certu, David Cauchi, li kien ‘ltaqa maghha fil-Health Promotion Unit, fejn il-konvenuta kienet tahdem, u fejn hu kien jattendi, wara li kellu inkwiet minn ma martu, biex jipprova jaqta` s-sigaretti; hemm saru hbieb, u dan David Cauchi beda jiftah qalbu mal-konvenuta dwar il-problemi li kellu ma martu. Wara li l-gherusija ta` bejn il-partijiet thassret, ir-relazzjoni ta` bejn il-konvenuta u dan David Cauchi kompliet tizvilluppa fuq pjan iehor.

Il-Qorti, meta qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, tara li jista` jkun veru li l-attur kien dominanti, tant li beda jmexxi ghaz-zwieg fuq inizjattiva tieghu u b`pass mghagel, pero`, il-konvenuta, li kienet thossha issikita u maghluqa f`dik ir-relazzjoni, ma kienetx tesprimi l-inkwiet taghha mal-attur. Hi kienet tippretendi li l-attur kellu jinduna bl-istat ta` animu taghha, pero`, meta ratu li baqa` ghaddej bil-preparazzjonijiet ghat-tieg, xorta wahda ma waqfitux, tant li gimghatejn qabel ma hassret l-gherusija, kompliet mieghu biex ghamlu l-ordni ghall-kamra tal-banju tad-dar li kellha tkun taghhom. Hi tghid li hi mara li tissaporti hafna, pero`, jekk tara li r-relazzjoni mhux miexja fit-triq it-tajba, kellha tghidlu bil-hsiebijiet taghha, u anke twissih biex

jikkalmaw il-preparazzjonijiet ghaz-zwieg. Id-dhul fix-xena ta` David Cauchi jidher li influenza mhux ftit lill-konvenuta biex twaqqaf l-gherusija. Jidher li, tul iz-zmien minhabba diversi cirkustanzi, lill-konvenuta maritilha l-volonta`, pero`, din mhux raguni valida ghat-thassir tal-gherusija (ara “Camilleri vs Ciantar”, deciza min din il-Qorti fl-14 ta` Jannar, 1983). Jista` jkun li l-attitudini tal-attur kien *“self-centered”*, pero`, l-konvenuta, nonostante dan, thalliet il-preparazzjonijiet ikomplu, u t-thassir ghal-gherusija saret hesrem u minghajr ma tat ragunijiet gravi u perswasivi u kwindi ghanda terfa responsabilita` kbira ghal-konsegwenzi li sehhew b`rizultat tat-thassir tal-gherusija. Il-Qorti tara li l-konvenuta ghandha terfa 80% tat-tort ghat-thassir tal-gherusija.

Bhala danni, kif intwera, dan iridu jirrizultaw b`mod materjali, ghax fin-nuqqas ta` kitba ta` gherusija, mhux permissibbli li jintalbu u jinghataw danni morali. Mid-danni reklamati mill-attur, il-Qorti teskludi mill-ewwel, zewg items li jirreferu ghal-*storage* fid-dar tal-genituri ta` oggetti tal-konvenuta, u ghas-senserija b`rizultat ta` intervent tal-attur fil-bejgh ta` bicca art li kienet proprjeta` ta` missier il-konvenuta. Dan, peress li, se mai, talbiet ghall-kumpens kellhom jitressqu mill-genituri tal-attur (ghar-rigward ta` *storage space*) u kontra missier il-konvenuta (ghas-senserija reklamata), u la darba dawn il-partijiet mhux fil-kawza, il-Qorti ma tistax tiehu dawn il-pretensjonijiet in konsiderazzjoni (ara l-kawza “Baldacchino vs Savona”, aktar qabel imsemmija).

L-attur jirreklama kumpens ghall-ghajnuna li hu kien jaghti lill-konvenuta fin-negozju part-time li kellha, u cioe`, li tahdem fjuri ghal xi okkazzjonijiet partikolari. Da parti tieghu, hu kien jarma ukoll bil-monti part-time, u l-Hadd wara nofsinhar, il-konvenuta kienet tghinu. Jidher, pero`, li l-involviment tieghu fin-negozju tal-konvenuta kien hafna aktar impenjattiv u frekwenti milli kien tal-konvenuta. L-attur, ghall-partecipazzjoni tieghu fuq medda ta` 4 snin, qed jitlob is-somma ta` Lm2,880. Din is-somma, fl-ewwel lok, ghandha tigi diviza bin-nofs, peress li, kif gia intqal, l-gherusija tal-partijiet kienet biss fl-ahhar sentejn, u mhux erba`. Mis-somma mitluba ta` Lm1,440, il-Qorti jidhrilha li

ghandha tnaqqas is-somma ta` Lm440 bhala ekwivalenti ghall-ghajnuna li tat il-konvenuta lill-attur fin-negozju tieghu part-time fuq il-monti ta` Tal-Qali.

L-attur jghid ukoll li, b`rizultat tad-decizjoni hesrem tal-konvenuta, hu ma ggedidx il-licenzja li kellu biex jarma bil-monti. Hu jghid li qabdu dwejjaq kbar, abbanduna x-xoghol tal-monti u kawza ta` dan tilef il-post li kellu fuq il-monti, bejgh, kif ukoll hafna klijenti. Ghal dan it-telf, l-attur qed jitlob kumpens ta` Lm500. Fic-cirkostanzi, l-Qorti tara li din il-figura hija gustifikata.

B`hekk, l-attur hu intitolat ghall-kumpens f`ammont ta` Lm1,500. Peress li l-konvenuta hija responsabbli fi grad ta` 80% ghal dawn id-danni, hi trid thallas lill-attur is-somma ta` Lm1,200.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` in parte t-talbiet tal-attur, tiddikjara li l-konvenuta hija responsabbli fi grad ta` 80% ghar-reziliment tal-gherusija bejn il-partijiet, u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta` Lm1,200 (elf u mitejn liri Maltin) in linea ta` danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kwantu ghal 20% mill-attur u 80% mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------